**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Illum il-Hamis 28 ta' Novembru, 2019**

**Rikors nru: 36/16 AGV**

AB

Vs

CB

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tar-rikorrenti pprezentat fit-22 ta' Frar, 2016 li permezz tieghu ppremettiet u talbet is-segwenti:-

1. Minn relazzjoni bejn il-kontendenti, li ghalkemm mhux mizzewwga jgibu l-istess kunjom, fil-5 ta' Lulju, 2008 twieldet tifla bl-isem ta' DB u fit-2 ta' Dicembru, 2010 twieldet tifla bl-isem ta'E, li llum, fl-eta' ta' seba' u hames snin rispettivament, ghadhom minorenni (Dok.A u B).

2. Ir-relazzjoni bejn il-kontendent illum intemmet.

3. Minkejja l-isforzi estenwanti tar-rikorrenti, il-kontendenti naqsu milli jilhqu ftehim dwar l-ezercizzju tad-drittijiet u l-obbligi taghhom fil-konfront tal-imsemmija minorenni, dan biss sforz l-inkuranza tal-intimat versu l-ahjar interessi tal-minorenni.

4. Ir-rikorrenti giet awtorizzata tipprocedi f'din l-istanza in forza ta' digriet ta' din l-Onorabbli Qorti datat 2 ta' Novembru, 2015 (Ittra Med. 482/2015) (Dok. C).

5. Ir-rikorrenti taf personalment b' dawn il-fatti kollha.

Ighid ghalhekk il-konvenut ghaliex dina l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex, prevja kwalunkwe dikjarazzjoni meqjusa necessarja u opportun u moghtija dawk il-provvedimenti kollha mehtiega fic-cirkostanzi:-

1.Tiddikjara u tiddeciedi illi r-rikorrenti ghandha tigi fdata bil-kura u kustodja eskluzziva tal-minorenni D u E ahwa B, u dan fl-interess suprem tal-istess minorenni.

2. Tordna illi l-minorenni D u E ahwa B, ghandhom jibqghu jirrisjedu flimkien mar-rikorrenti.

3. Okkorrendo, tiffissa modalita' ta' access favur l-intimat, ghall-minorenni D u E ahwa B, u dan dejjem tent kont tac-cirkustanzi, filwaqt li tiddikjara u tiddeciedi illi tali access ghandu, f'kull kaz, jigi ezercitat b'dik il-modalita' u gewwa lok u f'cirkostanzi idonei ghall-benessere morali u fiziku tal-istess minorenni.

4. Tiffissa retta alimentari dovuta lir-rikorrenti mill-intimata versu l-htigijiet tal-minorenni D u E ahwa B, liema somma tkun tinkludi fiha u tkopri l-kontribut dovut mill-intimat versu l-htigijiet edukattivi u medici u versu l-attivitajjiet extra-kurrikulari tal-istess minorenni u tordna lill-istess intimat ihallas dik ir-retta alimentari hekk kif stabbilita minn din l-Onorabbli Qorti u dan skond dawk il-modalitaijiet illi din l-istess Qorti jidhrilha xierqa u opportun fic-cirkostanzi, inkluz b'inkrement perjodiku fl-istess retta alimentari versu z-zieda fl-gholi tal-hajja.

5.Jekk kemm il-darba din l-Onorabbli Qorti ma jidhirlix illi ghandha tilqa' r-raba' talba attrici, in kwantu din tikkoncerna l-inkluzjoni tal-htigijiet edukattivi u medici u l-attivitaijiet extra-kurrikulari tal-istess minorenni skond it-talba precedenti, tordna lill-intimat jikkontribwixxi separatament versu l-htigijiet edukattivi u medici u versu l-attivitajiet extra-kurrikulari tal-minorenni D u E ahwa B u tordna lill-isess intimat ihallas tali kontribuzzjonijiet skond dawk il-modalitaijiet illi dina l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa u opportuni fic-cirkostanzi.

6. Tiddikjara u tiddeciedi illi kwalunkwe assistenza statali mhallsa versu l-htigijiet tal-minorenni Du E ahwa B tigi percepita mir-rikorrenti ad eskluzjoni tal-intimat.

Bl-ispejjes kontra l-intimat illi huwa minn issa ngunt in subizzjoni.

Rat ir-Risposta tal-konvenut li eccepixxa s-segwenti:-

1. Illi l-eccijenti ma jaqbilx mal-ewwel talba illi l-kura u kustodja ghandha tigi fdata eskluzzivament lill-attrici u dan ghaliex irid ikun hemm rizultanzi serji u gravi sabiex titnehha l-kura u kustodja minn fuq genitur u fil-kaz

odjern ma hemm l-ebda raguni valida fil-ligi ‘l ghaliex l-kura u l-kustodja ghandha tkun svestita mill-esponenti u apparti minn hekk, l-esponenti dejjem kellu sehem attiv fil-hajja taz-zewg ulied minuri – fil-fatt tinstab relazzjoni ottima bejniethom – u minn mindu l-partijiet m’ghadhomx jabitaw flimkien zamm kuntatt konsistenti maghhom u jaghtihom attenzjoni li jixraq ta’ missier waqt il-hinijiet tal-access.

2. Illi dwar it-tieni talba l-eccipjenti jirrimetti ruhu ghad-decizjoni ta’ din l-Onorabbli Qorti u dan wara li tkun semghet ix-xewqa tal-minuri.

3. Illi dwar it-tielet talba l-eccipjenti jirrileva illi dwar l-access ma kien hemm qatt disgwid jew argumenti bejn il-partijiet u ilhom isegwu l-istess modalita’ ghal dawn l-ahhar sentejn minn mindu m’ghadhomx jabitaw flimkien, modalita’ li giet miftiehma bejniethom u li jimxu maghha bla problemi ta’ xejn u l-minuri drawha.

4. Illi r-raba’ talba m’ghandhiex tintlaqa’ partikolarment ghaliex il-piz finanzjarju huwa maqsum bejn il-partijiet peress li l-minuri ikunu mal-esponenti erbat ijiem fil-gimgha u cioe’ kull nhar ta’ Erbgha wara l-iskola mis-2.00 sat-8.00 pm ta’ filghaxija u fil-weekends mill-Gimgha fis-2.00 pm sal-Hadd fit-8 ta’ filghaxija.

5. Illi dwar il-hames talba l-esponenti tirrileva li fil-passat dejjem ikkontribwixxa ghall-ispejjes edukattivi meta gie muri d-debita rcevuta u ghal kull buon fini, jirrileva ukoll li wahdu jhallas ghaz-zewg uliedu full insurance medika tal-Middle Sea Insurance u ghaldaqstant uliedu huma koperti minn kwalunkwe spiza ta’ sahha inkluza vizta ta’ tabib.

6. Illi dwar is-sitt talba l-eccipjenti jirrimetti ruhu ghad-decizjoni ta’ dina l-Onorabbli Qorti.

Salv eccezzjonijiet ohra. Bl-ispejjes kontra l-attrici AB ingunta in subizzjoni.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat ir-rikorsi u d-digrieti relattivi.

Rat id-digriet ta' dina l-Onorabbli Qorti datat 20 ta' April, 2016 fejn gie ordnat li l-access versu l-minuri ghandu jigi ezercitat kull nhar ta' Tlieta u nhar ta' Hamis bejn is-17.00 u t-20.00 hrs u alternattivament mill-Gimgha fis-18.00 sas-Sibt fis-18.00 hrs u l-gimgha ta' wara mis-Sibt fis-18.00 sal-Hadd fis-18.00.

Rat id-digriet tat-22 ta' Novembru, 2016 fejn il-konvenut gie ordnat ihallas is-somma ta' €450 fix-xahar bhala manteniment ghall-uliedu minuri, li ghandu jizdied skond l-gholi tal-hajja, oltre nofs l-ispejjes tal-edukazzjoni u sahha li mhumiex koperti b'polza ta' assikurazzjoni.

FATTI

1. Il-partijiet bdew johorgu flimkien fl-2004 u saru jafu lil xulxin permezz tal-internet. Fil-5 ta' Lulju, 2008 twieldet l-ewwel wild taghhom D u sa dak iz-zmien kienu marru jghixu fit-tieni sular fid-dar ta' omm l-attrici. Fit-2 ta' Dicembru, 2010 kienet twieldet it-tieni wild taghhom E u fl-2011 kienet dahlet ghax-xoghol fuq bazi part-time.

2. L-attrici tispjega li l-konvenut kien jahdem ma' nannuh u ghalhekk kien iqum tard ghax-xoghol u filghaxijiet kien iqattaghha l-kazinijiet, jew

jilghab il-casino jew go xi dar privata jilghabu l-poker. L-ghajnuna li kellha bzonn sabitha f'ommu.

Meta mbaghad marru joqoghodu gewwa l-appartament il-Mosta li kienet zviluppat fuq l-art li kien taha missierha, il-konvenut kien waqaf jahdem ma' nannuh peress li l-kumpanija kienet falliet u kien beda jahdem bhala truck driver ma' Bonnici Brothers. Kien ikun anqas maghhom bhala familja u tghid l-attrici li donnu kien jippreferi jqatta' hin barra mid-dar u fil-fatt meta kien jispicca mix-xoghol kmieni kien imur jilghab il-karti fil-"Farmers Bar" iz-Zebbiegh u minhabba f'hekk kienu jispiccaw imorru jieklu ghand ommu li kienet toqghod l-Imgarr peress li kienet tkun wahedha.

3. L-attrici tistqarr li kellhom ftehim li l-konvenut kellu jtiha €300 fix-xahar ghall-minuri, filwaqt li kellhom jaqsmu l-kontijiet tad-dawl, ilma u servizzi ohra. Sfortunatament, il-konvenut ma zammx kellmtu u biex tlahhaq mal-ispejjes spiccat li kellha zzid il-hinijiet tax-xoghol. Kienet idum anke xahrejn tistenna sakemm kien ihallasha, izda qatt ma kellu problemi biex jilghab il-karti jew biex jirranga l-vettura favorita tieghu l-Cosworth.

   Spicca li f'perjodu ta' sentejn biddel tlett impjiegi u tilifhom. Meta bdiet turih li ma kinitx kuntenta b'din is-sitwazzjoni, kien jehdidha li ma kienx se jtiha flus u kien jiggieldilha ghat-tfal il-Qorti. Peress li kienet imbezza' ma telqitux.

4. Peress li ma kinitx kuntenta, dan beda jhalli l-effetti ta' stress fuqha u beda jaffettwa lil uliedha u ghalhekk kienet hadet id-decizjoni li tissepara u mar harsitx lura u ghalhekk fethet il-proceduri.

5. Dwar l-access, ilhom isegwu l-istess granet minn Jannar 2014. Il-konvenut jiehu l-minuri kull nhar ta' Erbgha mis-17.00 sat-20.00 hrs u kull nhar ta' Gimgha fit-20.00 hrs sal-Hadd wara nofsinhar, sakemm ma jkunx hemm il-htiega li jirrangaw mod iehor.

   Minn mindu l-konvenut kien beda jahdem bhala estate agent, beda jinsisti li t-tfal imorru jghixu mieghu peress li kien aktar flessibbli, filwaqt li l-attrici kellha hinijiet fissi. Meta waqt il-medjazzjoni accetta li t-tfal jibqghu jghixu maghha beda jinsisti li ma kellux minn fejn ihallas manteniment ghall-uliedu u spicca ghamel rikors, fejn b' digriet tal-31 ta' Lulju, 2014 gie deciz li ma kienx obbligat ihallas manteniment ghal uliedu.

6. L-attrici tikkonferma li minn Jannar, 2014 sa April, 2016, il-konvenut kien hallas biss €200 bhala spejjes ghal-libsa tal-precett ta' D u xejn aktar minn hekk.

7. Il-konvenut jikkonferma li huwa jahdem self-employed bhala Agent u Assistant Manager ta' Remax Baystreet u jghin lil ommu li hija s-sid. Il-kumpanija li tmexxi r-Remax hija DMV Holdings Ltd, u jikkonferma li m' ghandu l-ebda rwol f'din il-kumpanija.

   Ighid li hu jithallas commission fuq il-bejgh u jiehu 35% mill-commission, li tvarja skond il-valur tal-proprjeta'. Jispjega aktar billi jghid li peress li huwa Assistant Manager ma jistax jiehu commissions fuq sales li jkunu kkonkludew agenti ohrajn. Jikkonferma ukoll li l-ircevuti fiskali johroghom fuq DMV Holdings Ltd.

8. FG bhala direttrici ta' DMV Holdings Ltd. tghid li din is-socjeta' topera mill-fergha ta' Baystreet Remax. Dwar il-konvenut tghid li huwa associate

mar-Remax fuq bazi self-employed on a commission basis. Tghid li ma jircevix paga fissa, izda commission biss sa massimu ta' 5%. Ikkonfermat ukoll li Remax Baystreet jitmexxa mir-ragel taghha HG u li kien hemm xi tnax-il persuna jahdmu bhala sales associates.

9. IJ, iz-zija tal-konvenut, xehdet fil-kapacita' taghha bhala accountant tas-socjeta' Remax Baystreet, fejn omm il-konvenut u cioe' ohtha KL hija wahda mill-azzjonisti. Ikkonfermat li l-konvenut kien jahdem bhala commission agent ma' din il-kumpanija.

   Ix-xhud ipprezenta diversi dokumenti relatati mal-introjtu tal-konvenut u hlas tal-VAT ghas-snin 2016 u 2017.[1] Ikkonfermat li l-introjtu tieghu ghas-sena 2016 kien ta €5523 grossi, li minnhom imbaghad tnaqqsu €1560 taxxa. Dwar l-2017 ma setghetx tikkonferma l-introjtu tieghu pero' setghet tikkonferma mill-aspett tal-accounting li kien hemm *loss*.

   Ikkonfermat ukoll li meta jsiru pagamenti bis-senserija dawn isiru bil-VAT u meta jaghmlu l-accounts jirrikonciljaw il-Vat returns mal-income tal-konvenut.

10. Matthew Magro, in rapprezentanza ta' MeDirect, ikkonferma li kien hemm zewg kontijiet joint tal-partijiet:-

   i) Kont kurrenti M602386AA maghluq
   ii) Kont fiss M602386AB maghluq.[2]

[1] Ara Doks. JB 1 - JB 11 a fol.126-139 tal-process.
[2] ARA Doks. MM1 u MM2 a fol. 143-144 tal-process.

Il-flus li kien hemm fil-kont fiss gew trasferiti gol-kont kurrenti. Ipprezenta dokumentazzjoni biex jikkonferma t-transfers li saru mill-kont u b'kollox kien hemm sitt transfers. Kull dokumenti jirreferi ghal trasferiment.[3] Dan il-kont kien inghalaq fil-15 ta' Marzu, 2018 fejn kien hemm ftehim reciproku li l-bilanc u xi imghaxijiet li akkumulaw imorru fil-kont tal-attrici u kellha tghaddi nofs l-ammont lill-konvenut li ma kellux kontijiet miftuhin f'ismu biss mal-bank.

Jirrizulta li kien hemm ukoll statement f'isem l-attrici u jirrizulta li kien hemm ukoll diversi transactions. [4]

11.Joanna Bartolo in rapprezentanza tal-Bank of Valletta plc. sabet erba' kontijiet f'isem il-konvenut. Peress li f'wiehed mill-kontijiet ma kienx hemm transactions, ma setghetx tipprovdi statement u dan il-kont kien Foreign Account f'sterling li nfetah f'Marzu, 2009. Il-kontijiet kienu s-segwenti:-

i) Savings account li kien ghadu miftuh[5]
ii) Current account li ghadu miftuh u kien fih bilanc ta' €558[6]
iii) Credit card loan fejn hemm bilanc ta' debit €553.55[7]
iv) Visa credit card maghluqa f' Dicembru, 2017.

Ikkonfermat ukoll li kienet inxtrat polza ta' assikurazzjoni Policy No. FP 44343 ma' MSV Life u rrizulta li kien hemm xi shares taht referenza 148544.

---

[3] Ara Doks. MM3- 7 a fol. 265-272 tal-process.
[4] Ara Dok. MM8 – MM 10 a fol. 273-275 tal-process.
[5] Ara Dok. JB 1 a fol. 158 tal-process.
[6] Ara Dok. JB 2 a fol. 185 tal-process.
[7] Ara Dok. JB 3 a fol. 190 tal-process.

12.Stephen Cachia in rapprezentanza ta' Transport Malta kkonferma li mir-ricerka li zamm irrizultalu li kien hemm vetturi presentement registrati fuq isem il-konvenut[8], filwaqt li pprezenta ukoll informazzjoni dwar vetturi li kienu registrati f'isem il-konvenut.[9]

**<u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>**

**<u>KURA U KUSTODJA</u>**

Il-punt in kontestazzjoni f'dan il-kaz huwa rigward il-kura u kustodja tal-minuri D u E, stante li l-konvenut jinsisti li llum it-tfal ikunu aktar hin mieghu u ghaldaqstant ghandu jitnaqqas l-hlas ta' manteniment dovuti ghall-minuri.

Minkejja li ngabu diversi xhieda sabiex l-attrici tipproduci ideja cara ta' xiex huwa l-introjtu tal-konvenut, hadd mill-partijiet ma kkontesta d-digriet tl-20 ta' April, 2016 moghtija minn dina l-Onorabbli Qorti, fejn gie regolat l-access.

Skond l-istess digriet, il-konvenut inghata dritt ta' access fejn gie ordnat li l-access versu l-minuri ghandu jigi ezercitat kull nhar ta' Tlieta u nhar ta' Hamis bejn is-17.00 u t-20.00 hrs u alternattivament mill-Gimgha fis-18.00 sas-Sibt fis-18.00 hrs u l-gimgha ta' wara mis-Sibt fis-18.00 sal-Hadd fis-18.00.

---

[8] Ara Dok. SC1 a fol. 257 tal-process.
[9] Ara Dok. SC 2 a fol. 261 tal-process.

Fin-nuqqas ta' lanjanzi minn dakinhar tad-digriet tal-20 ta' April, 2016 dina l-Qorti qed tifhem li l-partijiet huma kuntenti b'dan l-arrangjament u ma thossx il-htiega li gialdarba l-partijiet ilhom jezercitaw dan l-access sa mis-sena 2016 m'ghandhomx jinbidlu l-granet u hinijiet tal-access.

Isegwi ghalhekk li l-kura u kustodja tal-minuri ghandha tibqa' fdata eskluzzivament mal-attrici.

**MANTENIMENT**

Ingabu diversi provi dwar l-introjtu tal-konvenut. Jirrizulta li jahdem bhala commission agent mar-Remax ta' Baystreet. Zijtu IJ xehdet li l-introjtu tieghu ghas-sena 2016 kien jammonta ghal €5523 grossi, li minnhom imbaghad tnaqqsu €1560 taxxa u ghas-sena 2017 ma setghetx tikkonferma l-introjtu tieghu pero' setghet tikkonferma mill-aspett tal-accounting li kien hemm *loss.*

Il-Qorti ma tahsibx li l-konvenut hu kredibbli ghal dak li jirrigwarda l-introjtu tieghu u qed jinheba taht il-kappa t' ommu li minn persuna li kienet tkun wahedha u li kien ihoss li ghandhom imorru jieklu ghandha kuljum filghaxijiet, issa saret direttrici tas-socjeta' DMV. L-iskop kollu huwa sabiex ma jhallasx ammonti ta' manteniment ghall-minuri lill-attrici. Fil-fatt, meta effettivament beda jahdem mal-estate agent, kien ittenta jiehu t-tfal mieghu peress il-hinjiet tax-xoghol tieghu kienu aktar flessibbli milli dawk tal-attrici u meta mbaghad accetta waqt il-medjazzjoni li t-tfal ikunu fil-kura u kustodja tal-attrici, beda jsib kull skuza biex ma jhallasx manteniment. Sahanistra kien hemm digriet tas-sena 2014 li kienet ikkonfermat li m'ghandhux ihallas manteniment. Ghandu jigi pprecizat

ukoll li f'dak iz-zmien l-access kien differenti minn dak deciz ghax il-minuri kienu jqattghu weekend shih mal-missier.

Ciononostante, jirrizulta li fid-digriet tat-22 ta' Novembru, 2016 il-konvenut gie ordnat ihallas is-somma ta' €450 fix-xahar bhala manteniment ghall-uliedu minuri, li ghandu jizdied skond l-gholi tal-hajja, oltre nofs l-ispejjes tal-edukazzjoni u sahha li mhumiex koperti b'polza ta' assikurazzjoni.

Minn dan iz-zmien 'l hemm, il-konvenut ma ressaq ebda provi u lanqas jidher li wara d-digriet tat-22 ta' Novembru, 2016 ma kien hemm kontestazzjoni, anzi mill-atti jirrizulta li kien hemm trattativi sabiex il-partijiet jaslu ghall-ftehim. Tenut ta' dan kollu, dina l-Qorti thoss li dan id-digriet ghandu jigi kkonfermat.

Ghal dawn il-motivi, dina l-Qorti taqta' u tiddeciedi illi:-

1. Tilqa' l-ewwel talba attrici.

2. Tilqa' t-tieni talba attrici.

3. Tilqa' t-tielet talba u tordna li l-access ghall-konvenut jigi ezercitat kull nhar ta' Tlieta u nhar ta' Hamis bejn is-17.00 u t-20.00 hrs u alternattivament mill-Gimgha fis-18.00 sas-Sibt fis-18.00 hrs u l-gimgha ta' wara mis-Sibt fis-18.00 sal-Hadd fis-18.00.

4. Tilqa' r-raba' u l-hames talba fis-sens li l-konvenut ghandu jhallas is-somma ta' €450 fix-xahar bhala manteniment ghall-uliedu minuri, li

ghandu jizdied skond l-gholi tal-hajja, oltre nofs l-ispejjes tal-edukazzjoni u sahha li mhumiex koperti b'polza ta' assikurazzjoni.

5. Tilqa' s-sitt talba.

L-ispejjez ghandhom jigu ssopportati mill-konvenut.

**Onor. Anthony G Vella**
**Imhallef**

**Cettina Gauci**
**Deputat Registratur**